# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sittax (16) ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru 162/13 FDP**

**Charles Grech & Co Limited (C 2473)**

**vs**

**The Pathfinders Company Limited (C 31879), Timothy Oyinperemobode Tonwuru (ID A 0705243) u Marisa Tonwuru (ID 434368M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 5 ta' Gunju 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-intimati ihallsuha s-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u erbghin Euro u hdax-il centezmu, rappresentanti l-prezz ta' xorb u oggetti ohra mibjugha u kkonsenjati lilhom u li baqa' ma thallasx.

Rat l-eccezzjonijiet ta' Marisa Tonwuru f'isimha u f'isem is-socjeta The Pathfinders Company Limited ippresentati fl-1 ta' Lulju 2013 fejn, fis-succint, qalu illi huma ma humiex il-legittimi kontradditturi u kellhom ghalhekk jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Qalu wkoll illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u li l-azzjonijet ma kellhomx jitmexxew kontemporanjament kontra Marisa Tonwuru u il-kumpannija The Pathfinders Company Limited.

Rat illi l-intimat Timothy Oyinperemobo Tonwuru, ghalkemm debitament notifikat, baqa kontumaci w, fit-12 ta' Lulju 2013, is-socjeta rikorrenti ppresentat kapitolu fil-konfront tieghu li ghalih l-intimat baqa' ma deherx biex jikkontestah fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fit 28 ta' Ottubru 2013 is-socjeta rikorrenti insistiet biex tkompli bil-proceduri fil-konfront ta' Marisa Tonwuru u s-socjeta The Pathfinders Company Limited.

Semghet ix-xhieda ta' l-awditur **Joseph Sammut**, ippresentat mis-socjeta rikorrenti u moghtija fit-28 ta' Ottubru 2013, fit-13 ta' Jannar 2014, fis-27 ta' Ottubru 2014 u fid-19 ta' Frar 2015 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Tanti**, il-Credit Controller tas-socjeta rikorrenti, moghtija fit-13 ta' Jannar 2014, li kellha terggha tinghata fis-26 ta' Mejju 2014 peress illi s-sistema ta' recording ma kienetx hadmet, u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tal-**PL Quentin Tanti**, bhala rappresentant tal-Malta Financial Services Authority, moghtija fil-21 ta' Frar 2014, fejn esebixxa serje ta' dokumentazzjoni in konnessjoni mas-socjeta The Pathfinders Company Limited.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimata **Marisa Tonwuru**, prodotta mis-socjeta rikorrenti u moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014 u fit-18 ta' Frar 2016.

Rat illi fit-18 ta' Frar 2016, is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat l-affidavit ta' Marisa Tonwuru, ippresentat fit-13 ta' Gunju 2016 flimkien ma dokumentwazzjoni

Semghet ix-xhieda ta' Marisa Tonwuru moghtija fit-13 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fit-13 ta' Ottubru 2016 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fl-24 ta' Novembru 2016, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, Mark Tanti,. illi s-socjeta rikorrenti hija kumpannija illi tbiegh xorb u merkanzija relatata, liema xorb hija tbieghu wkoll lill terzi u hwienet tal-merca.

Jirrizulta, mix-xhieda tal-awditur tas-socjeta intimata, Joseph Sammut, illi s-socjeta intimata, The Pathfinders Company Limited, kienet tiggestixxi zewgt hwienet, ossija Pathfinders Confectionery gewwa Mosta Road, San Pawl il-Bahar, u Hudson Confectionary, gewwa Triq il-Helsien, Qormi.

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebiti mill-Malta Financial Services Authority, illi l-konjugi Marisa u Timothy Oyinperemobode Tonwuru, illi kienu ilhom mizzewgin sa minn Awissu 2003 (vide fol 173), iffurmaw il-kumpannija The Pathfinders Compan Limited fl-4 ta' Awissu 2003, fejn it-tnejn kienu Diretturi u Rappresentanti Legali ta' l-istess socjeta, u is-sitwazzjoni baqghet hekk sas-7 ta' Marzu 2011, meta saret Resoluzzjoni waqt laqgha ta' l-istess kumpannija fejn l-Memorandum and Articles of Association ta' l-istess socjeta gew emendati w, filwaqt illi z-zewgt konjugi baqghu diretturi tas-socjeta, ir-rappresentanza legali w guridika tas-socjeta kienet issa vestita unikament mill-intimata Marisa Tonwuru (fol 68).

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-istess intimata Marisa Tonwuru, illi l-intimata Marisa Tonwuru flimkien mat-tfal taghha kienu jigestixxu l-hanut 'Hudson', gewwa Hal-Qormi, filwaqt illi l-intimat Timothy Oyinperemobode Tonwuru kien jiggestixxi l-hanut 'The Pathfinders Confectionary' gewwa San Pawl il-Bahar.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' Mark Tanti, illi fil-5 ta' Jannar 2010, Timothy Oyinperemobode Tonwuru kien mela '*Credit Application Form*' mas-socjeta rikorrenti fejn indika illi l-kumpannija illi kienet tigestixxi l-hanut Pathfinders Confectioner kienet is-socjeta the Pathfinders Co Ltd. (fol 53)

Jirrizulta, mill-istess xhieda, illi fl-10 ta' Jannar 2011, l-istess Timothy Oyinperemobode Tonwuru dahal fi ftehim mas-socjeta rikorrenti fejn deher bhala Direttur tas-socjeta The Pathfinders Company Limited kif ukoll f'ismu personali bhala garanti u dahal fi ftehim ta' kreditu ghall-bejgh ta' merkanzija mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta The Pathfinders Company Limited. (fol 54)

Jirrizulta illi l-ftehim tal-10 ta' Jannar 2011 ma' giex iffirmat mill-intimata Marisa Tonwuru.

Jirrizulta illi bejn il-11 ta' Ottubru 2011 u it 13 ta' Awissu 2012 saru tletin konsenja lis-socjeta The Pathfinders Company Limited gewwa Pathfinders Confectionary, San Pawl il-Bahar, liema konsenja kienu jammontaw ghal total ta' hdax-il elf, tlett mija u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€11,340.11), ghall-liema merkanzija ma sar ebda pagament (fol 55-57).

Jirrizulta illi dawna l-konsenji saru lkoll gewwa Pathfinders Confectionary, San Pawl il-Bahar, u dana kif jidher mill-Invoices kollha esebiti minn fol 112 sa 140.

Jirrizulta illi fis-sena 2011 inbdew proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet u illi fit-30 ta' April 2015, ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), waqqfet il-Komunjoni tal-Akkwisti ta' bejn il-partijiet (fol 258).

Jirrizulta illi fil-5 ta' Gunju 2013, wara Ittra Interpellatorja tal-5 ta' Frar 2013, inbdew il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, bla dubju ta' xejn, illi l-merkanzija indikata fl-invoices a fol 55 sa 57 tal-process kienet debitament kkonsenjata u mibjugha gewwa l-hanut The Pathfinders Confectionary, San Pawl il-Bahar, u dana kemm in vista tad-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti kif ukoll in vista tal-fatt illi l-intimat Timothy Oyinperemobode Tonwuru, illi kien jiggestixxi l-hanut The Pathfinders Confectionary, San Pawl il-Bahar, imharrek in subizzjoni, ma deherx sabiex jikkontesta tali fatt.

Jirrizulta wkoll illi l-istess intimat Timothy Oyinperemobode Tonwuru, meta kien Direttur tas-socjeta The Pathfinders Company Limited, dahal fi ftehim ta' kreditu mas-socjeta rikorrenti fl-10 ta' Jannar 2011, fejn obbliga lill-istess socjeta The Pathfinders Company Limited thallas il-kreditu dovut lis-socjeta rikorrenti ghall-bejgh ta' merkanzija illi kien isir gewwa il-hanut minnu gestit.

Jirrizulta wkoll illi l-istess intimat Timothy Oyinperemobode Tonwuru obbliga ruhu illi jaghmel tajjeb ghad-djun tas-socjeta The Pathfinders Company Limited, u dana billi dahal bhala 'Guarantor' abbazi ta' l-istess ftehim fuq indikat.

Jirrizulta mhux kkontestat, finalment, illi l-intimati Marisa u Timothy Oyinperemobode Tonwuru kellhom Komunjoni tal-Akkwisti sa minn meta zzewgu f'Awissu 2003, kif jidher mix-xhieda ta' l-istess intimata, liema Komunjoni tal-Akkwisti giet terminata mill-Qorti Civili permezz ta' Digriet moghti fil-proceduri ta' separazzjoni ghaddejin bejn il-partijiet, u dana fit 30 ta' April 2015.

Jirrizulta, ghalhekk, ippruvat illi s-socjeta rikorrenti kienet bieghet merkanzija fil-valur ta' hdax-il elf, tlett mija u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€11,340.11) lis-socjeta The Pathfinders Company Limited gewwa il-hanut Pathfinders Confectionary, San Pawl il-Bahar, gestit minn Timothy Oyinperemobode Tonwuru, liema merkanzija qatt ma thallset u li ghaliha ghamel tajjeb personalment l-istess Timothy Oyinperemobode Tonwuru illi, dak iz-zmien, kellu Komunjoni tal-Akkwisti ma' l-intimata Marisa Tomwuru, illi mieghu kienet ukoll Direttrici fis-socjeta The

Pathfinders Company Limited u kienet hi tiggestixxi hanut iehor, ossija Hudson gewwa Hal Qormi, li kienet ukoll topera taht is-socjeta The Pathfinders Company Limited.

Ghalhekk it-talbiet attrici gew kollha ppruvati.

**Konkluzjoni**

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi,

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha taz-zewgt intimati Marisa Tonwuru u s-socjeta The Pathfinders Company Limited,

**Tilqa'** it-talbiet attrici, u ghalhekk,

**Tikkundanna** lill-intimati The Pathfinders Company Limited, Marisa Tomwuru u Timothy Oyinperemobode Tonwuru in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€11,340.11) bhala merkanzija debitament mibjugha w ikkonsejata izda qatt imhallsa.

Spejjez tal-proceduri odjerni kif mitluba u imghax mid-data tal-presentata tal-proceduri odjerni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati kollha in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur